# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 29 ta' Mejju tas-sena 2001.**

**Numru 21**

**Avviz numru 314/01/SM**

**Awtorita' ta' l-Ippjanar**

**vs**

**Jack Azzopardi**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tal-awtorita' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elf lira Maltin (LM1,000) dovuta bhala prezz ta' kambjala minnu iffirmata u accettata, kopja ta' liema kambjala tinsab anness u mmarkata Dok. "JC 1", liema kambjala skadiet fis-16 t'April 2000 u baqghet ma thallsitx nonostante li gie interpellat sabiex ihallas;**

**Bl-imghaxijiet mid-data tal-iskadenza sa-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha nkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-7 t'Awissu 2000 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fl-24 ta' Mejju tas-sena 2001 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**